## CARITAS (MALTA) EPILEPSY ASSOCIATION

Caritas (Malta) Epilepsy Association ġiet imwaqqfa fl-1996, fi ħdan il-Caritas. Din l-assoċjazzjoni kienet imwaqqfa bil-għan li tgħin lill-persuni li jbatu bil-kundizzjoni ta' l-epilessija u l-familji tagħhom. Dan isir billi l-ewwel ngħinuhom jaċċettaw din il-kundizzjoni, u b'hekk ikunu jistgħu jgħixu ħajja ħienja u normali.

Fil-mument l-assoċjazzjoni għandha 'l fuq minn 200 membru, li minnhom xi 150 ibatu bl-epilessija. Huwa stmat li f'Malta u Għawdex hemm iktar minn tlett elef persuna li jbatu bl-epilessija. Il-grupp huwa membru ta' l-International Bureau of Epilepsy u EYIE (International Youths in Europe).

Darba fix-xahar ikollna laqgħa għall-membri, it-tieni ġimgħa ta' kull xahar bejn is-6.00 p.m. u s-7.30 p.m. Nixtiequ navżaw li dak li jingħad fil-laqgħa jibqa' kunfidenzjali u m'għandux jingħad barra. Għal aktar informazzjoni tistgħu tikkuntatjaw lil:

**CARITAS (MALTA) EPILEPSY ASSOCIATION**
**5, Lion Str., Floriana, Malta.**
**Tel: 21233933; 21245358; 2590 6600; 3290 2845**

E-mails: Godcac@global. net. mt
Zenit@maltanet. net

Websites: www.caritasmalta.org/page01.htm
www.epilepsia.fi/info/linkit.htm

CARITAS MALTA
EPILEPSY
ASSOCIATION
5 Lion Street, Floriana
Tel: 21233933 - 21245358

# L-EPILESSIJA L-ALKOĦOL U S-SEWQAN



L-EPILESSIJA U L-ALKOHOL U S-SEWQAN

## L-EPILESSIJA, L-ALKOĦOL U S-SEWQAN

**Nista' nixrob alkoħol jekk jien epilessiku?**

Bil-moderazzjoni wieħed jieħu pjaċir jixrob. Pinta birra jew tazza nbid tinżillek għasel wara xi ġurnata xogħol iebsa. Għand tal-ħanut wieħed jiltaqa' mal-ħbieb; il-ħajja soċjali hija importanti għal kulħadd.

Iżda trid tkun responsabbli meta tixrob l-alkoħol, jekk trid tevita konsegwenzi serji ta' mard u telf ta' ħbieb. Wieħed li jbati bl-epilessija jrid ikun iktar attent fil-konsum ta' l-alkoħol. Ir-raġunijiet huma dawn:-

- L-alkoħol inaqqas mill-effett tal-mediċina, u l-livell tad-droga fil-vini taf tinżillek tant li ma jiġux ikkontrollati l-aċċessjonijiet.
- Ammont kbir ta' likwidi, inkluż birra, cider eċċ. jista' jikkawża aċċessjoni f'persuna bl-epilessija.
- Xorb żejjed huwa wkoll assoċjat ma rqad tard.
- Min inaqqas fl-ikel u fl-irqad, jew jinsa jieħu l-mediċina jkun qed iżid ir-riskju ta' aċċessjoni.




It-tobba mhux kollha jaqblu fuq ix-xorb. Uħud minnhom jgħidu li għandu jiġi evitat dejjem, waqt li oħrajn jgħidu li tista' tieħdu fil-moderazzjoni mingħajr ħsara. Id-deċiżjoni f'idejn dak li jkun; basta jżomm f'rasu l-pariri tat-tabib.

Tajjeb li tiftakar, li wieħed li jieħu mediċina li taħdem fuq il-moħħ, ikunu aktar sensittiv minn oħrajn għall-effett ta' l-alkoħol. Dan ifisser li int trid tieħu inqas alkoħol minn dak l-ammont rikmandat għal ħaddieħor biex tkun tista' ssuq. F'ħinijiet oħrajn, oqgħod attent kemm qed tixrob.



**Jekk għandi l-epilessija, nista' nsuq?**

Wieħed li ser isuq għall-ewwel darba, għandu jimla d-dettalji ta' l-applikazzjoni kollha. Meta jsir hekk, jibgħatulek formola oħra li tistaqsi għal informazzjoni fuq l-epilessija. Mingħand it-tabib tiegħek ukoll ikunu jridu xi nformazzjoni. Il-liċenzja tas-sewqan tingħata jekk l-affarijiet meħtieġa jkunu sodisfatti u jkun ilek ma tagħtik aċċessjoni għal sena, u jekk ma tkunx ta' periklu għal pubbliku.

**Prekawzjonijiet għas- sewwieqa bl-epilessija**

L-għeja, il-ħin tal-ġurnata u l-mediċina li wieħed jista' jkun qed jieħu għal xi ħaġa jew oħra, jeffettwaw lil kulħadd. Is-sewwieq bl-epilessija huwa iktar sensittiv għal dawn l-affarijiet. Għalhekk għandu jkun aktar attent

- **Dawn huma xi prekawżjonijiet li wieħed għandu jieħu:-**

- Issuqx għal tul ta' ħin jekk int għajjien.
- Toqgħodx għal tul ta' ħin mingħajr ikel jew irqad, speċjalment jekk qed issuq fuq xi motorway jew bil-lejl.
- Issuqx jekk insejt tieħu l-mediċina.
- Issuqx waqt bdil ta' medikazzjoni, bħal xi tnaqqis ta' doża jew twaqqif ta' mediċina. It-tabib għandu jgħidlek meta tista' terġa' tibda ssuq.
- Jekk tista', ssuqx waqt li jkollok xi effetti mhux mixtieqa li jekk mhux tħossok komdu.
- Tixrobx alkoħol qabel is-sewqan. Ftakar li anke ammonti żgħar inaqqsu mill-effett tal-mediċina, u jeffettwa l-kapaċità tiegħek fis-sewqan, bħal riflessi baxxi etc.
- Jekk int sensittiv għal teptip ta' dawl uża nuċċali tax-xemx tajjeb.